



Il-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal

IS-SEJĦA TAGĦNA GĦAL AZZJONI GĦAL FUTUR AKTAR ĠUST

ĠUNJU 2025

MIN AĦNA

Aħna tfal minn kważi kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea. Aħna parti mill-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal. Dan huwa spazju fejn it-tfal jistgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom u jinstemgħu mill-adulti li jieħdu d-deċiżjonijiet.



DWAR DIN IS-SEJĦA GĦAL AZZJONI

Is-Sejħa għal Azzjoni tgħidlek li t-tfal jeħtieġu protezzjoni, imħabba, stabbiltà u rispett. It-tfal jistennew li l-UE tiżgura li kull tifel u tifla jkollhom opportunitajiet indaqs fil-ħajja – speċjalment dawk li jgħixu f'refuġji (meta jemigraw) jew dawk li ma jistgħux jibqgħu mal-familji u fid-djar tagħhom, jew dawk li jkunu f'ċirkostanzi diffiċli.

It-tfal iridu li l-UE tiproteġi d-drittijiet tagħna, tisma' l-voċijiet tagħna. Dan ifisser investiment fi skejjel sikuri u li jilqgħuk, appoġġ għas-saħħa mentali tagħna, l-iżgurar ta' akkomodazzjoni u kura deċenti għat-tfal, u li tittieħed azzjoni biex jiġu miġġielda l-faqar, id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali.

Dawn l-affarijiet kollha li qed nitolbu huma relatati mad-drittijiet tat-tfal li l-UE u l-Istati Membri wiegħdu li jirrispettaw, jiproteġu u jissodisfaw.

Aħna nistaqsuk tara lit-tfal bħala persuni bi bżonnijiet individwali aktar milli bħala demografija ġeneralizzata. Aħna nitolbu lill-adulti, inklużi l-għalliema, biex ma jittrattawx lill-istudenti bħallikieku se jtkissru minn mument għall-ieħor – aħna għandna bżonn l-appoġġ, mhux li ġġiegħluna nħossuna li aħna mkissrin.

It-tfal iridu li l-UE toħloq spazji aktar sikuri u aċċessibbli għal-logħob u t-tagħlim, fejn it-tfal kollha jistgħu jipparteċipaw irrispettivament mill-pajjiż, mill-kapaċitajiet, jew mill-isfond tagħhom. Il-liġijiet għandhom jiġu applikati b'mod ugwali għal kulħadd f'kull ċirkostanza. Kulħadd għandu jiġi ġġudikat b'mod oġġettiv u konxju, mhux mid-dehra fiżika tiegħu. Dawn huma d-drittijiet tagħna.

It-tbidil fil-klima mhuwiex biss dwar l-ambjent – jikkonċerna l-ġustizzja bejn il-ġenerazzjonijiet. It-tfal ma kkawżawx din il-kriżi, jew il-gwerer, iżda se naffaċċaw l-akbar konsegwenzi tagħha.

Aħna rridu li l-UE tieħu azzjoni reali: tnaqqas l-emissjonijiet, tiproteġi n-natura, tinkludi t-tfal u ż-żgħażaġħ fid-deċiżjonijiet u tagħmel kollox fis-setgħa tagħha biex twaqqaf il-gwerer. It-tfal kollha, irrispettivament minn fejn jgħixu, għandhom id-dritt għal futur sikur u b'saħħtu. Il-pajjiżi l-aktar foqra qed ibatu aktar, u dan mhuwiex ġust.

Aħna għandna bżonn ġustizzja klimatika, edukazzjoni, u tibdil urġenti. Irridu arja nadifa, skejjel sikuri, paċi, u mexxejja li verament jisimgħuna. L-UE tista' tgħin billi tiproteġi n-natura u tiżgura li l-ebda tifel jew tifla ma titħalla lura.

KIF FLOQNA S-SEJĦA GĦAL AZZJONI TAGĦNA

Aħna ilna naħdmu flimkien għal 3 snin biex naqsmu l-ideat tagħna u noħolqu konnessjonijiet. Iddeċidejna dwar il-prijoritajiet għal affarijiet li jeħtieġ li jkunu aħjar għall-ġenerazzjoni tagħna, għall-ġenerazzjoni li jmiss, u għall-ġenerazzjonijiet ta' wara.



Din is-Sejħa għal Azzjoni hija mod kif l-ideat tagħna jinstemgħu mill-UE, mill-gvernijiet, mill-adulti u mit-tfal, sabiex flimkien inkunu nistgħu nieħdu azzjoni biex inbiddu l-affarijiet.

Fl-Assemblea Ġenerali tagħna fl-20 u l-21 ta' Ġunju 2025, għamilna workshops dwar erba' temi, u ħsiebna wkoll dwar il-ġustizzja interġenerazzjonali. Aħna żviluppajna rakkomandazzjonijiet, u mbagħad iddeċidejna liema kienu l-aktar importanti.



L-għada, tmien żgħażaġh ħadmu b'dawn ir-rakkomandazzjonijiet u l-prijoritajiet biex jiktbu din is-Sejħa għal Azzjoni.

L-ewwel post fejn ippreżentajna s-Sejħa għal Azzjoni kien [il-Forum Ewropew dwar id-Drittijiet tat-Tfal](#). Dan il-Forum huwa importanti minħabba li juri li l-fehmiet tat-tfal huma importanti u jistgħu jgħinu biex isiru għażliet aħjar għall-futur ta' kulħadd.

Irridu nitkellmu għat-tfal kollha li jridu futur aħjar.

**Aħna nemmnu li l-ilħna taż-żgħar huma importanti u llum,
aħna kburin li qed nużaw tagħna.**

ID-DRITTIJET TAGĦNA BĦALA TĦAL

Id-drittijiet tagħna huma deskritti fi:

- [il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE](#), li aħna se nsejġulha l-Karta, hija lista speċjali ta' regoli li jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet bażiċi tal-persuni li jgħixu fl-Unjoni Ewropea, bħad-dritt li tiġi ttrattat b'mod ġust, li jkollok privatezza, u li tesprimi ruħek liberament, u



- [l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal](#), li aħna se nsejġulha l-UNCRC (United Nations Convention on the Rights of the Child). Din hija sett ta' wegħdijiet dwar id-drittijiet tat-tfal għall-pajjiżi madwar id-dinja.

L-Unjoni Ewropea ddeskriviet l-azzjonijiet li jpoġġu d-drittijiet tat-tfal fil-prattika fil-[Pjan tal-Unjoni Ewropea għad-drittijiet tat-tfal](#).





IL-ĦAMES TEMI EWLENIN TAGĦNA

Hawn taħt, issib it-tamiet tagħna u l-azzjonijiet li aħna rridu naraw li jittieħdu dwar l-edukazzjoni u l-benesseri, il-ġustizzja interġenerazzjonali, il-klima, is-sikurezza online, u d-diskors ta' mibegħda.



IL-ĠUSTIZZJA INTERĠENERAZZJONALI

 <p>L-Għanijiet u l-ideat Tagħna</p>	<p>Billi naħdmu flimkien bejn il-ġenerazzjonijiet, nistgħu nifhmu u nirrispettaw lil xulxin aħjar: l-adulti jirrispettaw lilna, aħna nirrispettaw lill-adulti, u t-tfal jirrispettaw lil xulxin b'mod ġenerali. Għandna nitkellmu aktar, naqsmu l-opinjoni, ngħidu lill-adulti x'naħsbu, u nħallu lill-adulti jaqsmu magħna l-esperjenzi tagħhom sabiex inkunu nistgħu nitgħallmu xi ħaġa ġdida.</p> <p>L-adulti għandhom jieħdu l-opinjoni tagħna aktar bis-serjetà minħabba li l-vuċi tagħna hija importanti; huma għandhom jirrispettaw u jisimgħu lilna t-tfal kif aħna nirrispettaw u nisimgħu lilhom.</p> <p>Għandna nħarsu wkoll lejn l-anzjani tagħna, in-nanniet tagħna, nikkooperaw magħhom, inqattgħu l-ħin magħhom. Aħna, il-ġenerazzjoni ż-żagħżuġha, nistgħu nitgħallmu xi ħaġa ġdida mingħandhom u huma jistgħu jitgħallmu mingħandna wkoll.</p> <p>Kull ġenerazzjoni għandha tiġi edukata dwar xi tisser il-ġustizzja interġenerazzjonali, sabiex inkunu nistgħu nirrispettaw lil xulxin u nkunu ġentili ma' kulħadd.</p>
 <p>It-Talbiet Tagħna</p>	<ul style="list-style-type: none"> • Xi adulti jwaħħlu fit-tfal u jċanfruhom b'mod li jweġġa'. Irridu bidla fil-mentalità fis-soċjetà: ir-role models adulti jridu jwaqqfu d-diskors negattiv u l-bullying ta' ħaddieħor u jieqfu jagħtu tort lill-vittmi. • L-UE għandha torganizza avvenimenti u kampanji fejn it-tfal u l-adulti jiltaqgħu u jiddiskutu suġġetti differenti. • L-UE għandha tagħti aktar appoġġ lill-organizzazzjonijiet li jagħtu opportunitajiet lit-tfal biex jesprimu l-opinjoni tagħhom u jipparteċipaw fi spazji li huma tradizzjonalment tal-adulti bħat-teħid ta' deċizzjonijiet lokali u nazzjonali, konferenzi tal-UE, diskussjonijiet pubbliċi u oħrajn. • It-tfal u l-adulti għandhom jaħdmu flimkien kontra l-mibegħda. Għandha tingħata popolarità lid-diskors kontra l-mibegħda għal kulħadd billi jsiru kampanji fil-media soċjali ma' persuni magħrufa pubblikament li huma influwenti, sabiex jingħata għieħ lit-tfal migranti u lit-tfal LGBTQ+.



Id-Drittijiet Tagħna

L-Artikolu 20 tal-Karta: Kull persuna hija ugwali f'għajnejn il-liġi.

L-Artikolu 21.1 tal-Karta: Għandna dejjem nittrattaw lil kulħadd b'mod ġentili u ugwali, irrispettivament mid-dehra tagħhom, minn fejn ġejjin, x'jemmnu, jew min huma, għax kulħadd huwa speċjali u jistħoqqlu r-rispett.

L-Artikolu 24 tal-Karta: Bħala tfal, intom għandkom id-dritt li tkunu sikuri u kuntenti, u li tgħidu dak li taħsbu u tħossu, u l-adulti għandhom jisimgħukom u jikkunsidraw il-ħsibijiet tagħkom meta jieħdu deċiżjonijiet li jaffettwawkom. L-adulti, kemm jekk ikunu l-ġenituri tagħkom, l-għalliema tagħkom, jew oħrajn li jieħdu ħsiebkom, għandhom dejjem jagħmlu ħilithom biex jagħmlu dak li huwa l-aħjar għalikom. L-adulti għandhom jiżguraw li tqattgħu ħin b'mod regolari mal-persuni li jħobbukom.

L-Artikolu 25 tal-Karta: L-UE taf li l-persuni anzjani jistħoqqilhom li jiġu ttrattati b'rispett u b'għentilezza, u li jkunu jistgħu jagħmlu l-għażliet tagħhom stess u jqattgħu ħin ma' ħaddieħor, igawdu avvenimenti kulturali u jkunu parti mill-komunità tagħhom.

L-Artikolu 37 tal-Karta: Jeħtieġ li nieħdu ħsieb tajjeb tad-Dinja u niżguraw li ssir aktar nadifa u aktar b'saħħitha, allura aħna fl-UE nistgħu nagħmlu għażliet tajbin issa li se jgħinu biex il-pjaneta tagħna tibqa' post hieni u sikur għal żmien twil.

L-Artikolu 3 tal-UNCRC: L-aħjar interessi tat-tfal iridu jkunu prijorità ewlenija fid-deċiżjonijiet u fl-azzjonijiet kollha li jaffettwaw lit-tfal.

L-Artikolu 5 tal-UNCRC: Il-gvernijiet iridu jirrispettaw id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-ġenituri u tal-persuni li jindukraw biex dawn jipprovdu gwida u direzzjoni lil uliedhom hekk kif jikbru, sabiex igawdu bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom. Dan irid isir b'mod li jirrikonoxxi l-kapaċità dejjem akbar tat-tfal li jagħmlu l-għażliet tagħhom stess.

L-Artikolu 6 tal-UNCRC: It-tfal kollha għandhom id-dritt għall-ħajja. Il-gvernijiet iridu jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jiżguraw li t-tfal jissopravvivi u jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom.

L-Artikolu 12 tal-UNCRC: It-tfal kollha għandhom id-dritt li jesprimu l-fehmiet, is-sentimenti u x-xewqat tagħhom fil-kwistjonijiet kollha li jaffettwawhom, u li jkollhom il-fehmiet tagħhom ikkunsidrati u meħuda bis-serjetà. Dan id-dritt japplika f'kull ħin, pereżempju matul il-proċedimenti tal-immigrazzjoni, id-deċiżjonijiet dwar l-akkomodazzjoni jew il-ħajja ta' kuljum tat-tfal.

Pjan tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal: Pilastru 1



IL-BENESSERI FL-ISKEJJEL



L-Għanijiet u l-ideat Tagħna

It-tfal jgħaddu l-maġġoranza l-kbira tat-tfulija tagħhom fi skejjel li jgħinu jsawruhom. Din hija r-raġuni għaliex il-benesseri tagħhom fl-iskola huwa kruċjali.



It-Tfal tal-Pjattaforma jemmnu li jeħtieġ li tittieħed aktar azzjoni biex jiġi żgurat li l-istudenti fl-UE jħossuhom tajbin fl-iskejjel u ma jkollhomx ansjetà kuljum meta jmorru l-iskola.

Il-ħolma tagħna hija li l-iskejjel ikunu post fejn it-tfal ikunu ħerqana li jmorru, fejn iħossuhom sikuri, apprezzati u inklużi.

 <p>It-Talbiet Tagħna</p>	<ul style="list-style-type: none"> • Biex jiksbu finanzjament tal-UE, il-muniċipalitajiet fil-pajjiżi membri għandhom ikunu meħtieġa jagħmlu l-kura tas-saħħa mentali aċċessibbli fl-iskejjel. Ħafna tfal jeħtieġu l-għajnuna mill-professionisti bħall-għalliema u/jew psikologi u counsellors tal-iskejjel. • Appoġġaw lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-iskejjel jiġu rinnovati fejn meħtieġ u sabiex l-ambjenti ma jkunux tad-dwejjaq, filwaqt li jiżguraw li t-tfal iħossuhom tajbin. Peress li t-tfal kollha jmorru l-iskola bil-liġi, dawn iridu jkunu spazji sikuri • It-tfal iridu jiġu edukati dwar id-drittijiet tagħhom, biex ikunu jafu kif jagħxru meta ma jiġux irrispettati. Aħna rridu li l-UE tirrakkomanda lill-Istati Membri kollha biex ikollhom dan is-suġġett fil-kurrikulu tal-iskejjel.
 <p>Id-Drittijiet Tagħna</p>	<p>L-Artikolu 3.1 tal-Karta: Il-ġisem u s-sentimenti ta' kulħadd għandhom jiġu ttrattati b'ġentilezza u b'rispett</p> <p>L-Artikolu 13 tal-Karta: Kulħadd għandu d-dritt li jesplora l-arti u r-riċerka. L-universitajiet huma liberi li jiddeċiedu dwar l-attivitajiet tagħhom</p> <p>L-Artikolu 14 tal-Karta: It-tfal kollha għandhom id-dritt li jmorru l-iskola u jitgħallmu. Kulħadd għandu d-dritt li jiftaħ skejjel. Il-ġenituri jistgħu jgħinu fl-għażla ta' liema skola jmorru t-tfal, biex jiżguraw li din tirrispetta t-twemmin u l-ideat tagħhom stess. L-iskejjel kollha jridu jsegwu r-regoli tal-pajjiż.</p> <p>L-Artikolu 24 tal-Karta: Bħala tfal, għandkom id-dritt li tkunu sikuri u kuntenti, u li tgħidu dak li taħsbu u tħossu, u l-adulti għandhom jisimgħukom u jikkunsidraw il-ħsibijiet tagħkom meta jieħdu deċiżjonijiet li jaffettwawkom. L-adulti, kemm jekk ikunu l-ġenituri tagħkom, l-għalliema tagħkom, jew oħrajn li jieħdu ħsiebkom, għandhom dejjem jagħmlu ħilithom kollha biex jagħmlu dak li huwa l-aħjar għalikom. L-adulti għandhom jiżguraw li tqattgħu ħin b'mod regolari mal-persuni li jħobbukom.</p> <p>L-Artikolu 3 tal-UNCRC: L-aħjar interessi tat-tfal iridu jkunu prijorità ewlenija fid-deċiżjonijiet u fl-azzjonijiet kollha li jaffettwaw lit-tfal.</p> <p>L-Artikolu 6 tal-UNCRC: It-tfal kollha għandhom id-dritt għall-ħajja. Il-gvernijiet iridu jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jiżguraw li t-tfal jissopravvivi u jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom.</p> <p>L-Artikolu 28 tal-UNCRC – It-tfal kollha għandhom id-dritt għal edukazzjoni. Id-dixxiplina fl-iskejjel trid tirrispetta d-dinjità tat-tfal u d-drittijiet tagħhom. Jeħtieġ li l-pajjiżi aktar għonja jgħinu lill-pajjiżi l-aktar foqra biex jiksbu dan.</p> <p>L-Artikolu 29 tal-UNCRC: L-edukazzjoni trid tiżviluppa l-personalità, it-talenti u l-kapaċitajiet tat-tfal kollha bis-sħiħ. Trid tinkoraġġixxi r-rispett tat-tfal għad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll ir-rispett għall-ġenituri tagħhom, għall-kulturi tagħhom stess u tal-oħrajn, u għall-ambjent.</p> <p>Pjan tal-UE għad-Drittijiet tat-Tfal: Pilastru 2</p>



NAĦDMU FLIMKIEN KONTRA L-MIBEGĦDA

 <p>L-Għanijiet u l-ideat Tagħna</p>	<p>It-tfal ma jitwiieldux bil-mibegħda, jiġu mgħallma jobogħdu. Din hija r-raġuni għaliex it-tfal tal-Pjattaforma jħossu li l-UE trid tagħmel spazji fejn it-tfal jistgħu jitgħallmu dwar id-differenzi ta' xulxin.</p> <p>L-adulti jridu joħolqu spazji inklużivi fejn it-tfal jistgħu jqattgħu l-ħin tagħhom u jistgħu jesprimu l-ħsibijiet u s-sentimenti tagħhom liberament u b'mod sikur. U nistgħu nikkontribwixxu flimkien biex l-ispace jinżammu sikuri u inklużivi.</p> <p>Huwa importanti li t-tfal u l-adulti jaħdmu flimkien. Huma jiddependu fuq l-adulti, u din hija eżattament ir-raġuni għaliex jeħtieġ li nirrakkontaw lill-adulti dak li rridu, sabiex il-ħajja tagħna tkun aħjar.</p>
 <p>It-Talbiet Tagħna</p>	<ul style="list-style-type: none"> • Jitkabbar l-Erasmus. Ikun hemm baġit akbar li jkun aktar inklużiv, sabiex aktar pajjiżi, skejjel u tfal ikunu jistgħu jipparteċipaw. Dan jippromwovi li nifhmu lil xulxin aħjar u noħolqu anqas mibegħda u nitgħallmu aktar dwar il-kulturi ta' pajjiżi oħra. • Jingħata appoġġ lill-iskejjel sabiex it-tfal ikunu jistgħu jitgħallmu aktar lingwi Ewropej u jitgħallmu wkoll dwar il-kulturi f'pajjiżi Ewropej oħra. • Jiġu organizzati avvenimenti li jappoġġaw il-ħbiberija bejn gruppi ta' minoranzi differenti. • Jiġi organizzat skambju ta' ittri bejn tfal minn pajjiżi differenti tal-UE. • Tinżamm u tiġi appoġġata l-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal. Din hija importanti. Tgħin lit-tfal jiltaqgħu u jifhmu lil xulxin u allura hija mod kif niġġieldu l-mibegħda. • L-UE għandha tiffinanzja proġetti kontra l-mibegħda.





Id-Drittijiet Tagħna

L-Artikolu 7 tal-Karta: Kull persuna għandha d-dritt għall-privatezza. Il-ħajja tal-familja, id-dar u l-konverżazzjonijiet tiegħek huma privati, u inti għandek id-dritt li żżommhom sikuri!

L-Artikolu 20 tal-Karta: Kull persuna hija ugwali f'għajnejn il-liġi.

L-Artikolu 21.1 tal-Karta: Dejjem għandna nittrattaw lil kulħadd b'mod ugwali u b'għentilezza, irrispettivament mis-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew nazzjonali, id-dehra, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni, l-oriġini soċjali jew il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, għaliex kulħadd huwa speċjali u jistħoqqlu rispett.

L-Artikolu 24 tal-Karta: Bħala tfal, għandkom id-dritt li tkunu sikuri u kuntenti, u li tgħidu dak li taħsbu u tħossu, u l-adulti għandhom jisimgħukom u jikkunsidraw il-ħsibijiet tagħkom meta jieħdu deċiżjonijiet li jaffettwawkom. L-adulti, kemm jekk ikunu l-ġenituri tagħkom, l-għalliema tagħkom, jew oħrajn li jieħdu ħsiebkom, għandhom dejjem jagħmlu ħilithom kollha biex jagħmlu dak li huwa l-aħjar għalikom. L-adulti għandhom jiżguraw li tqattgħu ħin b'mod regolari mal-persuni li jħobbukom.

L-Artikolu 2 tal-UNCRC: Il-Konvenzjoni tapplika għat-tfal kollha mingħajr diskriminazzjoni, tkun xi tkun l-etniċità, is-sess, ir-reliġjon, il-lingwa tagħhom, il-ħiliet jew kwalunkwe status ieħor, irrispettivament minn dak li jaħsbu jew jgħidu, ikun xi jkun l-isfond tal-familja tagħhom.

L-Artikolu 3 tal-UNCRC: L-aħjar interessi tat-tfal iridu jkunu prijorità ewlenija fid-deċiżjonijiet u fl-azzjonijiet kollha li jaffettwaw lit-tfal.

L-Artikolu 14 tal-UNCRC: It-tfal kollha għandhom id-dritt li jaħsbu u jemmnu dak li jridu u wkoll li jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom, sakemm ma jkunux qed iwaqqfu lil persuni oħra milli jgawdu d-drittijiet tagħhom. Il-gvernijiet iridu jirrispettaw id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-ġenituri biex jiggwidaw lit-tfal tagħhom hekk kif jikbru.

L-Artikolu 30 tal-UNCRC: It-tfal kollha għandhom id-dritt li jitgħallmu u jużaw il-lingwa, id-drawwiet u r-reliġjon tal-familja tagħhom, kemm jekk dawn ikunu kondiviżi mill-maġġoranza tan-nies fil-pajjiż fejn jgħixu kif ukoll jekk le.

Pjan tal-UE għad-Drittijiet tat-Tfal: Pilastru 3



IS-SIKUREZZA ONLINE U L-BULLYING ĊIBERNETIKU





L-Għanijiet u l-ideat Tagħna

Aħna rridu spazju online sikur għat-tfal, għaż-żgħażaġh, u għall-ġenerazzjoni li jmiss iżda għad m'għandniex wieħed. Għandna xi problemi. U dawn huma problemi mhux biss għal din il-ġenerazzjoni.




Għalhekk, għandna bżonn xi għajnuna mill-UE biex nagħmlu l-ispazji online sikuri tagħna. Trid tibda minn x'imkien. Irridu nagħmlu dan issa. Għall-ġejjieni.

Nibdlu l-mentalità tas-soċjetà. U l-ġenerazzjoni tagħna, iż-żgħażaġh u t-tfal, iżommuha għall-ġenerazzjoni li jmiss u għall-ġenerazzjonijiet ta' wara.

 <p>It-Talbiet Tagħna</p>	<ul style="list-style-type: none"> • L-UE għandha tkegħgeġ is-sensibilizzazzjoni dwar x'għandu jsir dwar il-bullying ċibernetiku, u tiżgura wkoll li l-gvernijiet ikunu infurmati dwar il-problemi online. • Għallmu lill-għalliema jgħallmu lit-tfal kif ikunu sikuri. Inkludu fil-bużżeqa ta' dak li nitgħallmu – kif ikollna kontijiet privati, kif ikollna drawwiet tajbin għall-użu tal-iskrin, kif naħdmu bl-informazzjoni, u kif naħsbu b'mod kritiku. • Sibni modi kif tużaw l-IA biex tagħrfu u tipprevjenu l-bullying ċibernetiku u sibni modi kif tużaw l-IA biex tgħinu lit-tfal bil-bullying ċibernetiku. • Sibni modi kif tikkastigaw lill-kumpaniji talli jippermettu lit-tfal taħt it-13-il sena jagħmlu kontijiet tal-media soċjali permezz ta' liġijiet definiti konnessi mal-gvernijiet.
 <p>Id-Drittijiet Tagħna</p>	<p>L-Artikolu 7 tal-Karta: Mil-ħajja tal-familja, id-dar u l-konverżazzjonijiet tiegħek huma speċjali u privati, u għandek id-dritt li żżommhom sikuri!</p> <p>L-Artikolu 8 tal-Karta: Meta n-nies jiġbru informazzjoni dwarek, b'hal ismek, l-indirizz, jew l-affarijiet favoriti tiegħek, jeħtieġ li dawn iżommuha sikura u jużawha biss għal raġunijiet tajbin, u jeħtieġ li qabel jistaqsu lilek jew lill-ġenituri tiegħek jekk taqblux ma' dan. Għandek id-dritt li tara liema informazzjoni għandhom dwarek u li din tiġi rranġata jekk tkun ħażina.</p> <p>L-Artikolu 21.1 tal-Karta: Dejjem għandna nittrattaw lil kulħadd b'ġentilezza u b'mod ugwali, irrispettivament minn kif jidhru, jekk humiex b'saħħithom jew ma jifilħux, minn fejn ġejjin, x'jemmu, x'jaħsbu, jekk jgħixux b'diżabilità, jekk humiex bniet jew subien, jekk għandhomx flus, fejn twieldu jew min jogħġobhom, għaliex kulħadd huwa speċjali u jistħoqqlu rispett.</p> <p>L-Artikolu 24 tal-Karta: B'hal tfal, għandkom id-dritt li tkunu sikuri u kuntenti, u li tgħidu dak li taħsbu u tħossu, u l-adulti għandhom jisimgħukom u jikkunsidraw il-ħsibijiet tagħkom meta jieħdu deċiżjonijiet li jaffettwawkom. L-adulti, kemm jekk ikunu l-ġenituri tagħkom, l-għalliema tagħkom, jew oħrajn li jieħdu ħsiebkom, għandhom dejjem jagħmlu ħilithom kollha biex jagħmlu dak li huwa l-aħjar għalikom. L-adulti għandhom jiżguraw li tqattgħu ħin b'mod regolari mal-persuni li jħobbukom.</p> <p>L-Artikolu 3 tal-UNCRC: L-aħjar interessi tat-tfal iridu jkunu prijorità ewlenija fid-deċiżjonijiet u fl-ażżjonijiet kollha li jaffettwaw lit-tfal.</p> <p>L-Artikolu 16 tal-UNCRC: It-tfal kollha għandhom id-dritt għall-privatezza. Il-liġi għandha tipproteġi l-ħajja privata, tal-familja u tad-dar tat-tfal, inkluż li tipproteġi t-tfal minn attakki illegali li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tagħhom.</p> <p>L-Artikolu 17 tal-UNCRC: It-tfal kollha għandhom id-dritt għal informazzjoni affidabbli minn varjetà ta' sorsi, u l-gvernijiet għandhom ikegħgu lill-media tipprovdi informazzjoni li t-tfal jistgħu jifhmu. Jeħtieġ li l-gvernijiet jgħinu biex jipproteġu lit-tfal minn materjali li jistgħu jagħmlulhom ħsara.</p> <p>Pjan tal-UE għad-Drittijiet tat-Tfal: Pilastru 5</p>



L-AZZJONI KLIMATIKA

 <p>L-Għanijiet u l-ideat Tagħna</p>	<p>Kulħadd huwa affettwat mit-tibdil fil-klima. L-edukazzjoni hija importanti iżda din tinkludi proġetti sabiex in-nies ikunu jistgħu jsiru verament konxji minn dak li qed jiġri.</p> <p>Jeħtieġ li nkunu nafu aktar dwar id-dakkara u x'jagħmlu u kif ngħixu magħhom u nipproteġuhom. Jeħtieġ li nsibu metodi aktar ekoloġiċi għall-ġestjoni tal-bijodiversità.</p> <p>Ir-riċerka għandha tinkludi l-impatti fuq il-ħajjiet tan-nies u ċ-ċittadini għandhom ikunu involuti f'din ir-riċerka b'modi sinifikanti.</p> <p>Il-gwerra tniġġes ħafna u tikkawża l-qerda tal-pjaneta, u n-nies jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex itemmu dan. Jeħtieġ li nieħdu ħsieb aħjar tal-pjaneta għall-ġenerazzjonijiet futuri biex ikun hemm opportunitajiet aħjar.</p>
 <p>It-Talbiet Tagħna</p>	<ul style="list-style-type: none"> • Għandhom jiġu investiti aktar fondi fir-riċerka biex ikompli jiġu evidenzjati t-tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu. • Jinħolqu aktar spazji għad-dakkara fil-viċinati tagħna u madwar l-iskejjel. Dawn il-kreaturi huma essenzjali għall-protezzjoni tal-klima. • Tingħata edukazzjoni għan-nies kollha (kull ġenerazzjoni) dwar il-klima inkluż kif aspetti differenti huma konnessi. • Jinbidel it-tikkettar sabiex in-nies ikunu jafu x'verament għamel l-ikel tagħhom eż. Dan sar min-naħal. • Jiġi ffinanzjat it-trasport pubbliku aħjar sabiex in-nies ma jkollhomx bżonn jużaw il-karozzi tagħhom. • It-tibdil fil-klima u l-gwerra huma konnessi. Dan jeħtieġ li jiġi rikonoxxut meta jittieħdu d-deċiżjonijiet.
 <p>Id-Drittijiet Tagħna</p>	<p>L-Artikolu 24 tal-Karta: Bħala tfal, għandkom id-dritt li tkunu sikuri u kuntenti, u li tgħidu dak li taħsbu u tħossu, u l-adulti għandhom jisimgħukom u jikkunsidraw il-ħsiebijiet tagħkom meta jieħdu deċiżjonijiet li jaffettwawkom. L-adulti, kemm jekk ikunu l-ġenituri tagħkom, l-għalliema tagħkom, jew oħrajn li jieħdu ħsiebkom, għandhom dejjem jagħmlu ħilithom kollha biex jagħmlu dak li huwa l-aħjar għalikom. L-adulti għandhom jiżguraw li tqattgħu ħin b'mod regolari mal-persuni li jħobbukom.</p> <p>L-Artikolu 37 tal-Karta: L-UE għandha tiegħu ħsieb tajjeb tad-Dinja u tiżgura li din issir aktar nadifa u aktar sana. Dan sabiex aħna fl-UE nkunu nistgħu nagħmlu għażliet tajbin issa li jgħinu biex il-pjaneta tagħna tibqa' post hieni u sikur għal żmien twil.</p> <p>L-Artikolu 24 tal-UNCRC: It-tfal kollha għandhom id-dritt għall-aħjar saħħa possibbli. Il-gvernijiet iridu jipprovdu kura tas-saħħa ta' kwalità tajba, ilma nadif, ikel nutrittiv, u ambjent nadif u edukazzjoni dwar is-saħħa u l-benesseri sabiex it-tfal ikunu jistgħu jibqgħu b'saħħithom. Jeħtieġ li l-pajjiżi aktar għonja jgħinu lill-pajjiżi l-aktar foqra biex jiksibu dan.</p> <p>Pjan tal-UE għad-Drittijiet tat-Tfal: Pilastru 3 u 6</p>

Nittamaw li l-adulti huma lesti jaħdmu magħna.



Aħna rridu li l-adulti jifhmu u jaħsbu dwar dawn il-problemi, u li jaħsbu dwarhom infushom u dwar it-tħassib tagħna.



Aħna ninsabu grati u mmotivati minn din l-opportunità biex naqsmu l-ideat tagħna.



Irridu nħossuna kburin b'dak li għamilna iżda rridu wkoll inħossu li qed tisingħuna.

Aħna rridu li l-adulti jieħdu azzjoni biex jiżguraw li d-drittijiet tat-tfal kollha jiġu rrispettati.

**TGĦALLEM AKTAR DWAR IL-PJATTAFORMA
U L-ĦIDMA**



#EUChildParticipation

